ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 19/13**
***Kienet addottata Aġenda nru. 14/2013***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Tlieta, 23 ta' April 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Sindku s-Sur Mario Cassar u l-Kunsillier is-Sur Victor Refalo kienu skużati.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 18/13

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Is-Sindku talab biex jitniżżel fil-minuti li kien ingħad diskors dispreġjattiv mis-Sur Kenneth Cutajar fil-konfront tiegħu u li kien talab ukoll għall-intervent tal-pulizija. Kien hemm qbil għal din l-emenda fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 18/13

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Komunikat tal-Perit Scerri dwar ir-rampa taz-zuntier tal-Knisja taż-Żebbuġ. Ġie deċiż ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Stima tal-Perit biex isir *railing* ġdid u bankina fi Triq Mons Ġużeppi De Piro (stima tal-proġett €37,857.10). Il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa għall-offerti għall-bdil tar-*railing*.

Stejjem tal-Perit biex isiru x-xogħlijiet fi Triq il-Ponta u Triq Sant' Indrija fir-rigward tal-problemi tal-qlib tal-ilma fiż-żewġ toroq. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet fiż-żewġ toroq (isiru l-quddiem).

Ittra mibgħuta mill-Green MT fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ġbir ta' skart riċiklabbli bieb bieb ser jibda jsir darba fil-ġimgħa nhar ta' Tlieta.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima dwar laqgħa li ser issir għall-bdiewa fil-lokalita' fuq il-proġett InfoNitrates. Il-Kunsill ftiehem li jissuġġerixxi biex din il-laqgħa ssir fi Pjazza l-Assunta.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Premjijiet Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2013.

Komunikat mibgħut mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp dwar id-dawl tal-*playing field* taż-Żebbuġ.

Suġġeriment ta' Carmel Saliba biex jiddawwal il-ħajt tas-sejjieħ fid-daħla taż-Żebbuġ.

Ċirkulari tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar taħdidiet rigward is-saħħa li jistgħu jsiru fil-Kunsill Lokali mid-Dipartiment tal-Kura Primarja tas-Saħħa. Il-Kunsill iddeċieda li juri interess biex dawn it-taħdidiet isiru fil-lokalita'.

| **Applikazzjoni għal permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-mill-Kunsill Lokali** |
| --- | --- |

| | |
|---|---|
| Seminarju Minuri Qalb ta' Ġesu'<br>Għal *tour* u *lunch* nhar is-7 ta' Mejju 2013 fil-limiti tax-Xwejni. | Approvata. |

## 5. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 12/2013 – DOK A għall-perijodu bejn il-21 ta' Marzu u d-19 ta' April 2013 kienet approvata.

## 6. *AUDITED FINANCIAL STATEMENTS* GĦAS-SENA 2012

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-*audited financial statements* tal-Kunsill għas-sena 2012. Is-Segretarja Eżekuttiva spjegat l-aġġustamenti li saru għall-*financial statements* kif kienu preżentata mill-Kunsill Lokali.
Il-Kunsill approva l-*audited financial statements* u kienu ffirmata mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 7. *SKIPS ON WHEELS* – TRIQ IŻ-ŻEBBUĠ

Saret diskussjoni fit-tul dwar l-i*skips on wheels* li l-Kunsill għandu fi Triq iż-Żebbuġ.
Il-Kunsill iddeċieda li jibbukkja gwardjan lokali pajżan erba' siegħat fil-ġimgħa għal ġimgħatejn konsekuttivi biex jeduka dwar l-użu tajjeb ta' dawn l-i*skips*.

Il-Kunsill approva t-twaħħil ta' żewġ lampi ġodda, waħda fi Triq Ta' Milied u oħra fit-tarf ta' Triq Skapuċċina (lampi approvata mill-Enemalta b' *underground cable*).

## 8. TRAQQIEGĦ TA' TOROQ

Il-Kunsill approva t-traqqiegħ ta' dawn it-toroq:

Triq taċ-Ċaqra (bil-konkos, isir mill-ħaddiema tal-Kunsill).

Triq Għajn Mhelhel, Triq is-Sagħtrija u Triq Ħabel it-Twil (nixtru l-asfalt u nikru romblu mingħand Road Construction, isir mill-ħaddiema tal-Kunsill).

## 9. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment 08/2013 – is-Sindku Nicky Saliba
Għandu talbiet għal:

- lampa ġdida fi Triq il-Kaċċaturi.
- twittija ta' Triq tal-Agunija.

Talbiet approvata mill-Kunsill.

Ilment 10/2013 – Consiglia Vella
Talbet biex issir bankina quddiem ir-residenza nru. 53 fi Triq Skapuċċina. It-talba kienet approvata mill-Kunsill.

Ilment 14/2013 – Joseph Magro
Oġġezzjona biex ma jsirux *double yellow lines* jew *single line* fi Triq Ġoma kantuniera ma' Triq Sant' Indrija.

Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ stqarrija titqassam mal-bullettin fejn jikkjarifika li fl-ebda mument ma talab biex jagħmel xi sinjali tat-traffiku li ma jippermettux *parking* ta' vetturi fi Triq Ġoma, Triq il-Kappillan Franġisk Vella u f' parti minn Triq il-Knisja.

Ilment 15/2013 – Michael Fiteni
Talab biex issir bankina quddiem ir-residenza nru. 7B fi Triq Żaqi. It-talba kienet approvata.

Ilment 16/2013 – Ġużepp Camilleri
Twittija ta' Triq Għajn Quċċat. Il-Kunsill approva t-twittija tat-triq.

Ilment 17/2013 – il-Kunsillier Joseph Camilleri
Għandu talba biex issir trinka mal-ħajt tar-residenza The Arches fi Triq il-Mitħna u ssir bankina mal-istess post. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill approva:

- x-xiri ta' żewġ pari *safety shoes* għall-ħaddiema tal-Kunsill.
- li ssir forma tal-pilastri (stima ta' Paul Caruana €445).

Il-Kunsill ftiehem li jekk it-temp ikun jippermetti, iċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ issir fil-pjazza. Għall-attivita' tas-Sibt fil-grawnd, il-Kunsill iddeċieda li jikri *bouncy castle.*

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

Nicky Saliba
Sindku

Diane Tagliaferro
Segretarja Eżekuttiva